MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-2 ta' April, 2009

Numru. 832/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR RAYMOND CASSAR**

**KONTRA**

**KATIA CHISARI ta' 23 sena, bint il-mejjet Fabrizio Chisari u Maria nee' Sultana, imwielda Tal-Pieta' nhar il-31 ta' Dicembru, 1985, residenti fil-fond numru 182/6, Triq Sant'Ursola, Valletta, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 10386M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **KATHA CHISARI** li gie akkuzata talli:

1. Bejn it-28 ta' Frar, 2006 u t-30 ta' Marzu, 2006 f'dawn il-Gzejjer, laqghet ghandha jew/u xtrat hwejjeg

misruqa, mehuda b’qerq, jew/u akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod iehor li jkun;

2. U aktar talli fl-istess zmine u cirkostanzi kellha fil-pussess taghha haga misruqa jew/u haga mehuda b’qerq jew akkwsitata b’reat u cioe’ telefon cellulari tal-marka Motorola, naqset li tgharraf lill-Pulizija b’dak il-fatt fi zmine gimgha minn meta kienet hekk saret taf;

3. U kif ukoll talli fl-istess zmine u cirkostanzi, xjentement issoprimiet jew b’xi mod iehor qerdet jew/u biddlet tracci jew indizji ta’ reat.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghall-istess (folio 4);

Rat li fi stadju ta’ interrogatorju l-imputata wiegbet li ma kinitx hatja ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra taghha;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jinghad illi ma’ l-ahhar tal-gbir tal-provi f’din il-kawza, cioe’ fis-seduta ta’ l-24 ta’ Dicembru, 2008 l-Uffficjal Prosekutur irtira t-tielet akkuza dedotta. Kien f’dan l-istadju li allura d-Difiza rregistrat ammissjoni taghha fil-konfront tat-tieni imputazzjoni – cioe’ r-reat taht l-Artikolu 334A. L-Ufficjal Prosekutur f’dan l-istadju anke ddikjara li fil-fatt din it-tieni imputazzjoni kienet alternattiva ghall-ewwel wahda, cioe’ dik ta’ ricettazzjoni. Moqrija u ezaminati l-atti processwali b’mod partikolari l-istqarrija ta’ l-imputata, din il-Qorti taqbel ma’ dan.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda ssib htija fuq u a bazi ta’ l-Artikolu 334A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat ghalhekk il-fedina penali ta’ l-akkuzata, dan in konsiderazzjoni tal-piena idonea. Semghet anke t-trattazzjonijiet f’dan ir-rigward, qieset illi tenut kont tac-cirkostanzi li gie ghand l-imputata l-mobile, li l-piena

idonea ghandha tkun dik pekunjarja, pero ghal €233.00 (mitejn u tlieta u tletin Ewro), stante li tali cirkostanzi kienu ghal kollox dubbjuzi, pagabbli fi zmien tlitt(3) snin f’pagamenti ta’ €6.47(sitt Ewro u sebgha u erbghin Ewro centezmi) fix-xahar ai termini ta’ l-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Rat ukoll l-Artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u qieghda tikkundanna lil Katia Chisari li thallas l-ispejjez peritali ghall-ammont ta’ €1,157.22 (elf mija u sebgha u hamsin Ewro, u tnejn u ghoxrin Ewro centezmi), pagabbli fi zmien tlitt(3) snin f’pagamenti ta’ €25.67 (hamsa u ghoxrin Ewro, u sebgha  u sittin Ewro centezmi) fix-xahar ai termini ta’ l-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------